# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 4**

**Rikors numru 486/12/1 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**v.**

**John u Jane miżżewġin Borg u b'digriet tal-21 ta' April, 2016, l-atti ta' Jane Borg ġew trasfużi f'isem John Borg**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat John Borg minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, dik il-Qorti laqgħet it-talba tal-Bank rikorrent (minn issa 'l hemm imsejjaħ "BOV") biex tirrendi eżegwibbli kontra l-intimat (minn issa

'l hemm imsejjaħ "l-appellant") il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-1 ta' Frar, 2008, fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant;

2. Għal dik l-azzjoni, l-appellant kien laqa' billi qal li l-Qorti kien imissha tiċħad it-talba ta' BOV, sa dakinhar lanqas kien għadu determinat l-ammont li dwaru d-debituri kienu waqgħu morużi, u għalhekk ma setax jingħad li l-kreditu eżegwit kien wieħed ċert, likwidu u dovut; u laqa' wkoll billi qal li jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba ta' BOV biex tirrendi l-kuntratt eżegwibbli, dan għandu jkun f'somma anqas minn dik li jippretendi BOV, ladarba kien sar ħlas akkont u minħabba li l-imgħaxijiet huma dovuti fuq il-kapital biss skond kif maqbul fl-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu;

3. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *Jirriżulta li l-Bank rikorrent ta lill-konvenut żewġ faċilitajiet ta' self bis-saħħa ta' żewġ kuntratti: wieħed għal miljun u ħames mitt elf lira Maltin (Lm1,5000,000) ekwivalenti għal tlett miljuni, erbgħa mija, erbgħa u disgħin elf, u sittin ewro u għaxar ċenteżmi (€3,494,060.10) bis-saħħa ta' kuntratt tas-16 ta' Lulju 1996; u t-tieni għal sitt miljuni, ħames mija u erbatax-il elf u mitejn ewro (€6,514,200). Il-bank ukoll ta l-faċilità ta' over-draft lill-konvenut fis-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100,000) ekwivalenti għal mitejn, tnejn u tletin elf, disgħa mija u sebgħa u tletin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€232,937.34).*
>
> *Dawn il-faċilitajiet ġew miġbura f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu wieħed fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 1 ta' Frar 2008, fejn fih:*
>
> > *"Debtors do hereby acknowledge that they are debtors in favour of the Bank, which accepts, for the global sum of nine million, six hundred*

> *and ninety-seven thousand, nine hundred and fourteen Euro and twenty-two Euro cents (€9,697,914.22) equivalent to four million, one hundred and sixty-three thousand, three hundred and fourteen Maltese liri and fifty cents (Lm4,163,314.50) which sum is certain, liquidated and due [...]*
>
> *"Interest shall continue to accrue on the total capital sum amounting to six million, six hundred and sixty-six thousand, eight hundred and forty- 5 seven Euro and eleven Euro cents (€6,666,847.11c) equivalent to two million, eight hundred and sixty-two thousand and seventy-seven and forty-three cents (Lm2,862,077.43c) at eight per cent (8%) per annum [...]"*

*Jirriżulta mix-xhieda ta' Roderick Abela tas-7 ta' Novembru 2016 illi d-debituri għadhom ma ssaldawx id-debitu tant li skond il-prospett ippreżentat mill-bank attur jirriżulta illi għalkemm jidher li l-konvenut għamel xi pagamenti wara li żewġ kontijiet bankarji ġew magħluqa u l-flus li kien hemm fihom "ġew akkreditati kontra l-imgħaxijiet li kien hemm akruwjati sa dakinhar. [...] Dan ġara peress li ma kienx hemm biżżejjed surplus ta' interest, ma stajniex innaqsu xejn mill-kapital"*[1].

*Il-bank rikorrenti qiegħed jitlob illi bis-saħħa tal-Artikolu 258 (ċ) tal-Kapitolu 12 il-kuntratt pubbliku jerġa' jsir eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn tlett* snin[2] *mindu seta' jiġi eżegwit. Dan l-artikolu jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakultà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jiġi ravvivat permezz ta' din il-proċedura. L-Artikolu 253 (b) tal-Kapitolu 12 jqis bħala titolu eżekuttiv "l-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt".*

*Ma jidhirx li l-bank għamel xi proċedura qabel intavola dan ir-rikors. Dan qiegħed jingħad peress li ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12 biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, jeħtieġ li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jiġi eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekuttivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli.*

*Dan magħdud, "Ir-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'għandux l-iskop li jrendi ttitolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tirravviva t-titolu eżekuttiv biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid u dan għax ikunu għaddew*

---

[1] Paġni 71 – 72 tal-proċess

[2] Meta ġiet istitwieta l-azzjoni l-Artikolu 258 kien jirreferi għal tlett snin, kien biss bl-att IV tal-2016 li t-terminu ġie estiż għal ħames snin.

*tlett snin mindu seta' jiġi eżegwit."*[3] *Għaldaqstant il-fatt li l-bank ma bagħatx ittra lid-debitur biex iħallsu lura d-debitu ma hu ta' ebda rilevanza għal din il-proċedura għax il-bank qed jitlob biss li t-titolu jerġa' jingħata forza għal eżegwibilità futura tiegħu. Billi jirriżulta li għaddew aktar minn tlett snin minn meta seta' jiġi eżegwit il-kuntratt, il-kreditur kellu jistitwixxi din il-proċedura immirata biss għar-ravvivar tat-titolu eżekuttiv u konsegwentement u sussegwentement l-eżegwibilità tiegħu skond l-Artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12.*

*Ikkunsidrat*

*Il-konvenut fl-affidavit tiegħu qiegħed jikkontesta l-ammont li qed jitlob il-bank u dan għaliex jgħid li ma jistax jifhem kif il-kapital dovut lill-Bank baqa' qatt ma naqas u "ma nistax ngħid fejn marru l-pagamenti kollha li jiena kont nagħmel, konsistenti fid-dħul kollu li kellha l-istess lukanda matul l-għaxar snin." Lanqas ma jista' jifhem kif il-Bank wasal għas-somma tal-imgħax; qiegħed jikkontesta wkoll l-ammont ta' €65,227.94 spejjeż legali u dan għaliex ma jafx ta' xiex inhuma aktar u aktar meta m'hemm l-ebda kawżi oħra pendenti bejnu u bejn il-Bank. Jgħid li r-rappreżentant tal-bank qal li dawn kienu spejjeż li għamel il-Bank "kemm ilu jfittex". B'referenza għal dak li ntalab fir-rikors promotur u ċioe €9,697,914.72 "flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Frar 2008", il-konvenut jgħid li huwa qatt ma ssellef €9 miljuni u għalhekk dik is-somma tinkludi l-imgħaxijiet diġà.*

*Ikkunsidrat;*

*Dan ir-rikors mhux intiż biex jiġi stabbilit l-ammont effettivament dovut iżda biss li t-titolu eżekuttiv fil-forma kostitutiva tiegħu għadu viġenti u li għaddew aktar minn tlett snin mindu seta' jiġi eżegwit. F'dan ir-rigward issir referenza għall-kawża* ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs. John Dalli et*** *deċiża fit-18 ta' April 2002 fejn ingħad: "Illi minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lillkontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh." Din il-qorti tqis pero` illi s-smigħ ta' rikors simili, għalkemm mhux obbligatorju, jagħti lill-partijiet kollha d-dritt għal smigħ xieraq u biex il-qorti jkollha quddiemha kull fatt li jista' jgħinha tasal għad-deċiżjoni tagħha.*

*Kif ingħad ukoll fid-deċiżjoni li tat il-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 1988 fil-kawża* ***Emmanuele Falzon pro et noe vs. Joseph Vella*** *li kieku l-Qorti kellha taċċetta li l-konvenut jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet filmertu, tkun qiegħda tiftaħ il-bieb għall-abbuż tas-sistema ġudizzjarja fissens li l-konvenut jkun qiegħed jingħata l-opportunità li jtawwal*

[3] **Bank of Valletta plc vs. Sundry Limited et** (Rik. Ġur. Nru. 1006/14) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 t'Ottubru 2015.

*proċedimenti li ma kienx intiż mil-leġislatur biex ikun ikkontestat b`eċċezzjonijiet dwar mertu. Għaldaqstant konsiderazzjonijiet dwar l-ammont effetivament dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti iżda semmai jidħlu in vigore jekk it-titolu jingħata eżekuzzjoni fejn allura l-partijiet ikollhom ir-rimedji li tagħti l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi. Dak li jrid jiġi mistħarreġ u deċiż hu biss jekk jeżistix titolu eżekuttiv a bażi tal-Artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut. Jekk ir-risposta għal dawn il-kweżiti hu fl-affirmattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerġa' jiġi reż eżekuttiv. Billi jkun skada t-terminu, l-liġi terġa' ġġedded a bażi tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 l-eżegwibilità tat-titolu eżekuttiv.*

*Il-Qorti hija sodisfatta li l-bank rikorrent għamel il-prova li trid il-liġi għal fini ta` proċeduri ta` din ix-xorta. Ladarba għaddew it-tlett snin, ladarba kienet preżentata l-aħjar prova kostitwita mill-kuntratt de quo bħala konferma tax-xorta tad-dejn jew tat-talba, ladarba hemm il-konferma bil-ġurament illi d-dejn għadu mhux kollu mħallas allura ttalba tal-bank sejra tkun milqugħa stante li din il-proċedura tittratta dwar l-eżegwibilità tat-titolu eżekuttiv.*";

4. B'Rikors tal-Appell imressaq fis-6 ta' Lulju, 2020, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellant talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tgħaddi biex, prevja li tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, tiċħad it-talbiet ta' BOV kif dedotti fir-rikors promotur tiegħu, u dan bl-ispejjeż kollha, kemm tal-ewwel istanza u kemm tal-preżenti istanza, ikunu kontra l-istess BOV;

5. BOV laqa' għall-imsemmi appell bi Tweġiba mressqa minnu fis-6 ta' Lulju, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li din il-Qorti jmissha tiċħdu u billi tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2022, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

8. B'din il-proċedura, BOV irid jirrendi eżegwibbli mill-ġdid kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu li l-appellant u martu kienu dehru fuqu fi Frar tal-2008. Billi BOV ma kienx seħħlu jiġbor id-dejn kollu kostitwit, fetaħ din il-proċedura biex jitlob lill-Qorti tawtorizzah ikompli bl-eżekuzzjoni tat-titolu li kellu bis-saħħa ta' dak il-kuntratt;

9. L-Ewwel Qorti laqgħet din it-talba billi sabet li d-dejn aċċettat ma kienx għadu tħallas kollu lura mill-appellant, u dan minkejja li kien sar xi ħlas. Dik il-Qorti ċaħdet ukoll l-eċċezzjonijiet li kien qajjem l-appellant għat-talbiet ta' BOV li kienu jgħidu (i) li l-azzjoni mressqa minn BOV kienet tressqet qabel waqtha għaliex, minkejja li tassew id-dejn kien mistqarr fl-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, ma kinitx għadha ċċarata s-somma li kien għad fadal titħallas, u (ii) li l-imgħaxijiet mitluba min BOV kellhom jinħadmu fuq l-ammont kapitali tad-dejn mistqarr, u mhux fuq l-ammont li nġema' matul iż-żmien bis-saħħa tal-imgħaxijiet li mxew fuq dak il-kapital;

10. L-appellant qajjem **tliet aggravji** mis-sentenza appellata: fl-ewwel wieħed jilmenta mill-mod kif l-Ewwel Qorti qieset in-natura tal-azzjoni mressqa minn BOV, fit-tieni wieħed jilmenta dwar kif tħaddmu l-imgħaxijiet fuq il-kapital, filwaqt li fit-tielet wieħed jilmenta li l-BOV qiegħed jitlob imgħaxijiet li jaqbżu s-somma ta' kapital miftiehem;

11. Illi bl-**ewwel aggravju** tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx l-eċċezzjonijiet li huwa kien qajjem quddiemha, b'mod partikolari dwar il-kwestjoni tal-imgħax miġmugħ u kemm kien l-ammont li għadu dovut. Biex isaħħaħ dan l-aggravju, l-appellant isemmi sentenza partikolari mogħtija minn din il-Qorti[4] u jżid jgħid li kien meħtieġ ħafna li l-Ewwel Qorti tqis l-eċċezzjoni partikolari tiegħu f'dan ir-rigward, l-aktar minħabba "d-diskrepanza tant qawwija li rriżultat mill-provi li ġew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti bejn il-pretensjonijiet tal-appellat u dawk tal-esponenti";

12. Illi BOV iwarrab dan l-aggravju billi jisħaq li fi proċeduri ta' din l-għamla, xogħol il-Qorti għandu jkun biss li tara jekk it-titolu eżekuttiv li tiegħu tintalab l-eżekuzzjoni mill-ġdid huwiex validu, u jekk kemm-il darba huwiex minnu li dak il-kreditu (jew xi biċċa minnu) għadux dovut. Jilmenta li, matul iż-żmien twil li l-kawża kienet għaddejja quddiem l-Ewwel Qorti,

[4] App. Ċiv. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc v. Carmelo Farrugia Melfar Ltd et***

l-appellant qatt ma ċaħad li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn kien jiswa, u lanqas qatt ma qal li ma kienx għad fadallu jħallas. Għalhekk, jgħid li t-tqanqil tal-kwestjoni dwar l-imgħax u n-nuqqas ta' determinazzjoni ta' kemm kien għad fadallu jħallas skond l-imsemmi titolu eżekuttiv ma kinux kwestjonijiet li l-Ewwel Qorti kellha toqgħod tistħarriġhom sabiex setgħet tasal biex tiddeċiedi t-talba tiegħu;

13. Illi l-Qorti tqis li huwa aċċettat li l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija meħtieġa għaliex kull titolu eżekuttiv għandu żmien limitat ta' siwi u li dak iż-żmien ta' dekadenza jeħtieġ li s-saħħa ta' titolu bħal dan terġa' titqajjem mill-ġdid sewwasew bi proċedura bħal din[5]. L-għan ta' din il-proċedura huwa dak li terġa' tingħata s-setgħa lill-kreditur ta' titolu bħal dak biex jeżegwixxi jew ikompli jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv minnu miksub, ikun ta' liema għamla jkun. F'dan ir-rigward, tajjeb jingħad ukoll li l-effetti ta' titolu eżekuttiv maħluqa b'kuntratt nutarili pubbliku dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt[6] jibdew mexjin minn dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt[7]. Il-liġi llum tgħid li l-effikaċja ta' titolu bħal dan tagħlaq fi żmien ħames snin[8]. Il-kuntratt li dwaru BOV fetaħ din il-proċedura kien sewwasew wieħed mit-titoli eżekuttivi li jaqa' taħt l-Artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[5] App. Ċiv. **4.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea Testaferrata noe v. Borġ*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.55**)
[6] Art. 253(b) tal-Kap 12
[7] App. Ċiv. **30.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc v. Charmaine Saliba***
[8] Art. 258(ċ) tal-Kap 12

14. Illi din il-Qorti tqis ukoll li, fi proċedura bħalma ressaq BOV f'din il-kawża, xogħol il-qorti jrid ikun li tara li t-titolu eżekuttiv li dwaru tressqet it-talba jkun titolu li jiswa, li tara li jkun tassew għadda ż-żmien tal-eżekuttività tiegħu kif maħsub fil-liġi, u li għal xi raġuni, l-eżekuzzjoni ta' dak it-titolu baqgħet ma ntemmitx. F'każ li t-tweġiba għal dawn il-kweżiti kollha tkun fl-affermattiv, il-qorti li quddiemha titressaq talba bħal din ma għandha għalfejn tqis l-ebda ħaġa oħra. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet ta' BOV għall-aggravju tal-appellant;

15. Illi, madankollu, fejn id-debitur eżekutat intimat iqajjem kwestjoni dwar kemm għad fadallu jħallas jew b'liema mod il-kreditur eżekutant qiegħed ikejjel kemm għad għandu jieħu, il-Qorti ma għandhiex tagħmel stħarriġ fuq is-siwi ta' kwestjoni bħal din jekk mhux biex tista' tasal għal fehma dwar is-siwi tat-titolu, li huwa wieħed mit-tliet kweżiti meħtieġa fi proċedura bħal din. Għalkemm f'waħda mill-premessi tar-rikors li bih BOV fetaħ din il-proċedura tissemma somma li huwa jgħid li l-appellant għad irid iħallsu, it-talba ma ssemmi l-ebda ammont, sewwasew għaliex it-talba saret biex terġa' tagħmel eżegwibbli t-titolu (il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn) ladarba għalaq iż-żmien ta' eżekuttività tiegħu bil-liġi. Il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata toqgħod għal dak li ntalab u ma semmiet l-ebda ammont li BOV għad għandu jieħu. Dan qiegħed jingħad għaliex proċedura bħal din ma tintużax biex ikun hemm

kanonizzazzjoni ta' kreditu, imma biss l-għarfien li t-titolu eżekuttiv għadu mhux soddisfatt[9];

16. Illi ma' dan li ngħad il-Qorti żżid tosserva li, fil-każ li għandha quddiemha llum, il-kreditu kien kanonizzat fil-kuntratt li wera wkoll liema biċċa mid-dejn kienet turi l-kapital u liema biċċa minnu turi l-imgħaxijiet miġmugħin fuq dak id-dejn[10]. Fisser ukoll fuq liema biċċa mid-dejn mistqarr kellu jimxi fuqha mgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena u ta lid-debituri żmien qabel ma BOV jmexxi għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Meta wieħed jara t-tweġiba mressqa mill-appellant (u, dak iż-żmien martu)[11], kienu tressqu żewġ eċċezzjonijiet (f'forma ta' "talba") għall-azzjoni ta' BOV: l-ewwel li t-talba tkun miċħuda għaliex l-ammont dovut kien għadu mhux determinat u għalhekk lanqas seta' jingħad li d-dejn kien ċert, likwidu u dovut; u t-tieni li, f'każ li l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent, hija kellha "tagħmel dan fl-ammont inferjuri illi jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti tenut kont li diġà kien hemm ħlas parzjali kif ukoll tenut kont illi l-interessi huma dovuti fuq il-kapital biss.." Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawk l-eċċezzjonijiet ma joqogħdux fi proċedura bħal din u għalhekk l-aggravju tal-appellant li l-Ewwel Qorti naqset li tqishom m'għandu l-ebda siwi. B'dawk l-eċċezzjonijiet, la tqajmet xi kwestjoni

[9] P.A. MCH **31.5.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc vs Multi Investments Ltd et***
[10] Ara wkoll xhieda ta' Roderick Abela f'paġġ. 69 – 71 tal-proċess
[11] Paġ. 20 tal-proċess

dwar jekk il-kuntratt kienx jiswa u lanqas li d-dejn maqbul kien tħallas kollu;

17. Illi biex ikun ingħad kollox, l-appellant dam snin jitlob li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti tħalli l-każ għal data oħra sewwasew bil-għan li jsib bejgħ tal-immobbli li dwaru kien inħalaq id-dejn u biex, bir-rikavat, ikun jista' jaqta' d-dejn. Dawk iċ-ċirkostanzi proċedurali kienu, tabilfors, ifissru l-għarfien min-naħa tal-appellant tas-siwi tal-kuntratt u tal-fatt li d-dejn minnu aċċettat ma kienx tħallas kollu. Din il-Qorti temmen li fuq dak biss u b'qies tal-atti li kien ressaq BOV sa dakinhar, l-Ewwel Qorti setgħet u messha laqgħet it-talba ta' BOV u għaddiet biex tagħlaq il-kawża. Kienet imbagħad taqa' fuq BOV l-għażla ta' kif u meta tmexxi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha li jkun reġa' ngħata l-ħajja. Sadattant, sa ma ngħatat is-sentenza appellata, l-appellant ma kien qajjem l-ebda eċċezzjoni formali dwar in-natura tal-imgħaxijiet li BOV kien qed iħaddem dwar il-kreditu tiegħu;

18. Illi, fl-aħħarnett, dak li ngħad hawn fuq ma jikkuntrasta bl-ebda mod mal-kunsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-każ imsemmi mill-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum joħroġ li l-Ewwel Qorti qagħdet b'seba' għajnejn li tipprovdi biss dwar it-talba kif imressqa minn BOV. U hekk kellu jkun, ladarba l-azzjoni ta' BOV kienet waħda taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12.

Għall-kuntrarju, fis-sentenza ċitata mill-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu, din il-Qorti (diversament komposta) kellha tidħol biex tistħarreġ il-kwestjoni ta' kif tqies l-imgħax u jekk kinux jgħoddu r-regoli dwar l-"*ultra duplum*" għaliex l-Ewwel Qorti f'dik il-kawża (u fi proċedura mressqa wkoll taħt l-imsemmi Artikolu 258) ma kinitx biss awtorizzat l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, iżda żiedet tgħid ukoll x'kien l-ammont li dwaru kellha ssir l-eżekuzzjoni u minn meta u kif kellu jimxi l-imgħax. Għalhekk, it-tqabbil li l-appellant irid jagħmel ma' dik is-sentenza biex isejjes l-aggravju tiegħu ma jiswiex għaliex iċ-ċirkostanzi bejn każ u ieħor huma għal kollox differenti;

19. Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

20. Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma ma tarax il-ħtieġa li tqis ukoll iż-**żewġ aggravji** l-oħrajn. Dawn jitkellmu dwar il-komputazzjoni xierqa tal-imgħax u kif ukoll dwar il-kwestjoni tal-imgħaxijiet "*ultra duplum*";

21. Illi l-Ewwel Qorti ma daħlitx f'dawn il-kwestjonijiet u l-ebda biċċa mill-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ma ssemmi xejn dwar dan. Huwa prinċipju aċċettat li appell jista' jitressaq mill-parti dispożittiva ta'

sentenza u mhux mill-kunsiderazzjonijiet li jkunu wasslu għaliha[12]. Is-siwi jew le tal-osservazzjonijiet magħmulin mill-appellant fit-tieni u fit-tielet aggravji tiegħu ma jolqtu bl-ebda mod dak li ntalab minn BOV f'din l-azzjoni u lanqas xi parti mid-dispożittiv tas-sentenza appellata. Dawk l-osservazzjonijiet jibqgħu impreġudikati u, jekk tqum il-ħtieġa, imisshom jitqajmu fis-sedi xierqa;

***Deċide:***

22. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-intimat mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox dik is-sentenza; u

**Tordna** li l-appellant iħallas l-**ispejjeż** ta' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[12] App. Inf. PS **15.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Andrew Pace et v. Unscheduled Bus Service et***; App. Ċiv. **30.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Pierre Borġ v. Nicole Borġ*** ; u App. Ċiv. **31.5.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Prof. Raymond Mangion v. Whitelock Publications Ltd et***